MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 723/1991/1

Gabriel Pellegrini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance Co. Ltd. kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` Marsovin Ltd
vs
Edward A. Sullivan ghan-nom u in rappresentanza ta' Sullivans Ltd f'isem din is-socjeta` proprja kif ukoll f'isem l-istess socjeta` bhala agent u in rappresentanza tas-socjeta` estera Polskie Linie Oceaniczne u Francis Vella u Joseph M. Vella ghan-nom u in rappresentanza ta' Express Trailers Ltd

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha eccepixxa:

Illi s-socjeta` Marsovin Ltd inkarigat lis-socjeta` konvenuta Polskie Linie Oceaniczne tramite l-agenti taghha s-socjeta` konvenuta Sullivans Ltd biex tittrasporta zewg

*containers* kontenenti diversi tankijiet koncentrat tal-gheneb minn Malta ghal Rotterdam;

Illi waqt li l-*containers* kienu qed jigu mghobbija fuq il-vapur M/V Chodzikz, wiehed mill-*containers* inqaleb u bhala rizultat il-merkanzija sofriet hsara u s-socjeta` Marsovin Ltd sofriet id-danni;

Illi kienu responsabbli biex jigu mghobbija l-*containers* fuq il-vapur is-socjeta` konvenuta Polskie Linie Oceaniczne u/jew is-socjeta` konvenuta Sullivans Ltd u/jew is-socjeta` konvenuta Express Trailers Ltd u l-istess socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-hsarat u konsegwenzjali danni fuq imsemmija minhabba inadempjenza ta' l-obbligi taghhom u/jew negligenza;

Illi s-socjeta` assikurattrici attrici ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni billi hallset lis-socjeta` Marsovin Ltd is-somma ta' elfejn u hdax-il lira u sittin centezmu (Lm2011.60) kif ukoll hamsa u disghin lira (Lm95) spejjez tas-*survey* u giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Marsovin Ltd;

Illi l-konvenuti *nomine*, ghalkemm interpellati biex jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni, baqghu inadempjenti.

l-attur *nomine* talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responabbli ghan-nuqqasijiet / hsarat u danni fuq imsemmija;

2. Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' elfejn mija u sitt liri u sittin centezmu (Lm2106.60) jew ammont verjuri li joghgobha tillikwida din il-Qorti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex ihallsu lill-attur *nomine* kif surrogat fid-drittijiet ta' Marsovin Ltd l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes u l-imghax legali kontra l-konvenuti *nomine* li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur *nomine*.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Edward A. Sullivan ghan-nom u in rappresentanza ta' Sullivans Ltd f'isem din is-socjeta` proprja kif ukoll f'isem l-istess socjeta` bhala agent u in rappresentanza tas-socjeta` estera Polskie Linie Oceaniczne li biha eccepixxa:

1. Illi in kwantu d-domandi attrici huma diretti kontra s-socjeta` lokali, dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati hsarat billi tqabbdu nies kompetenti sabiex jaghmlu l-operazzjoni tal-karikazzjoni mill-art ghal fuq il-vapur u ghalhekk ma hemm ebda *culpa* fuq Edward A. Sullivan *nomine*;

2. Illi in kwantu l-azzjoni hija diretta kontra s-socjeta` estera din ukoll mhijiex responsabbli ghall-allegati danni stante li dina ma ghandha x'taqsam xejn mal-karikazzjoni u hija tista' tkun potenzjalment responsabbli minn mindu ssir l-operazzjoni tal-karikazzjoni 'l quddiem u mhux qabel.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati minn Edward A. Sullivan *nomine*.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Francis Vella u Joseph M. Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Express Trailers Ltd li biha eccepew:

1. Illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnhom u l-attur *nomine* u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati minn Francis Vella u Joseph M. Vella.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tat-18 ta’ Novembru 1991 li permezz tieghu Dr. Kevin Dingli gie nominat bhala perit legali.

Rat li fl-20 ta’ Frar 1992, fuq talba ta’ Dr. Dingli, hu gie sostitwit minn Dr. Rachel Spiteri Bonello.

Fit-13 ta’ Mejju 1998, fuq talba ta’ Dr. Bonello, giet sostitwita b’Dr. Audrey Demicoli.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli li fih ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet:
“Konsiderazzjonijiet u Konkluzjonijiet tal-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli.

Illi f’din il-kawza l-attrici, kif surrogata fid-drittijiet ta' Marsovin Ltd, qed tfittex ghad-danni rizultanti lill-proprjeta' tal-istess surrogata taghha, minhabba hsara fuq numru ta' *drums* ta' *grape concentrate* fis-26 ta' Gunju, 1990. Qeghda titlob illi jigu kkundannati bhala responsabbli s-socjeta' Sullivans Ltd f’isimha proprju u/jew l-istess kumpannija bhala agent u in rappresentanza tas-socjeta' Polakka Polskie Linie Oceaniczne u/jew is-socjeta' Express Trailers Ltd.

L-ewwel nett l-esponenti tissottolinea illi mkien il-konvenuti ma jikkontestaw il-*quantum* tad-danni allegati mill-attrici. Fi kwalunkwe kaz jista' jinghad bla dubju ta' xejn illi d-danni reklamati fl-ammont ta' Lm2,106.60 huma gustifikati u lanqas ma huma kontestati minn ebda mill-konvenuti.

Is-*survey*, ikkummissjonat *ex parte* imma mhux ikkontestat jew konfrontabbli ma' kwalunkwe *survey* iehor, jelenka l-fatturi kostitwenti tad-danni fil-valur ta' Lm2,011.60, waqt illi jikkonferma wkoll illi l-ispejjez relattivi ghall-istess *survey* kienu ta' Lm95. Hija l-umli opinjoni ta' l-esponenti illi anki dawk id-danni illi huma konsistenti f'xoghol ta' haddiema ta' Marsovin Ltd ghandhom ikunu parti mid-danni subiti, bil-mod kif mitluba. Fil-fatt dawn is-sieghat ta' xoghol gew sottratti minn xoghol iehor illi dawn l-impjegati kienu jaghmlu kieku ma sehhx l-incident illi wassal ghall-kawza.

Waqt illi wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni illi dan is-*survey* jikkwalifika bhala rapport *ex parte*, l-ebda mill-partijiet l-ohra f'din il-kawza ma intraprendiet jew ikkommissjonat studji jew sondaggi simili jew li jistghu jikkonfrontaw mieghu in rigward ghall-incident mertu ta' din il-kawza.

Jidher ukoll, u jigi sottomess mill-esponenti, illi s-socjeta' Marsovin Ltd adempiet ma' l-obbligi taghha ma' dak illi l-ligi tipprovdi dwar persuna danneggjata, u cioe' illi dina ghandha tara illi sakemm ikun possibbli timminimizza d-danni.

Dwar id-distribuzzjoni interna fil-container, diga' gie ezaminat dan il-punt meta ssemma' fis-*survey* iktar 'il fuq. Is-*survey* jghid illi l-oggetti kienu stivati tajjeb u responsabbilment u ma hemm ebda prova ekwivalenti u kontrarja ghal dan. In rigward ghal kemm u sa fejn kienu mimlijin id-*drums* individwali, dana hadd ma jafu ezatt ghaliex ma hemm l-ebda informazzjoni f'dan is-sens, la fis-*survey*, u lanqas fil-provi migjuba mill-partijiet. Kwalsiasi allegazzjoni f'dan ir-rigward, allura, ma tistax treggi ghax mhux sostnuta mill-provi.

Stabbilit dana kollu, ghandu jigi rilevat illi l-esponenti temmen illi l-eccezzjoni migjuba mill-konvenuti Francis Vella u Joseph M. Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Express Trailers Ltd fis-sens illi dina ma ghandhiex relazzjoni guridika ma' l-attur *nomine* u li ghandhom jigu liberati mill-ossevanza bl-ispejjez kontra l-attur nomine,

ghandha tintlaqa'. Jirrizulta car illi din is-socjeta' giet iccitata erronejament bhala konvenuta u dana meta fil-fatt kellhom jigu iccitati rapprezentanti ta' Emanuel Vella & Sons. L-attrici setghet, meta rinfaccjata bl-eccezzjonijiet ta' dawn il-konvenuti, hadet passi approprjati, haga illi hija ma ghamlitx. Indipendentement mill-fatt jekk l-attrici gietx sgwidata mis-*survey* jew mill-konvenuti stess, jew minn Marsovin Ltd jew minn kwalsiasi fattur jew raguni ohra, jibqa' l-fatt illi Brian Sullivan kien originarjament xehed illi Express Trailers Ltd ma kellha x'taqsam xejn mas-socjeta` Sullivans Ltd in rigward ghall-kwistjoni odjerna. Iktar tard tkellem b'mod differenti izda fl-opinjoni ta' l-esponenti ghandu jinghata aktar piz dak illi qal fil-bidu. L-ahwa Vella spjegaw ukoll id-differenza fl-operat u fin-natura taz-zewg entitajiet.

Jinghad hawnhekk illi minkejja r-referenza ghas-socjeta' konvenuta Express Trailers Ltd fis-*survey* u f'xi dokumenti ohra, ma jidhirx illi hemm provi li jirribattu b'mod sod dak illi tallega l-konvenuta Express Trailers Ltd, u cioe' li tali socjeta' partikolari ma ghandha x'taqsam xejn mal-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghax mhijiex legittimu kontradittur. Jidher illi l-konvenuta Sullivans Ltd u r-rapprezentanti taghha l-ewwel tkellmu mod, imbaghad qalbu d-diskors f'seduti sussegwenti biex ibenglu dak li qalu qabel. Jibqa' pero' l-fatt li la l-konvenuta Sullivans Ltd u lanqas is-socjeta' attrici ma gabu provi sufficjenti biex juru illi s-socjeta' inkarigata kienet Express Trailers Ltd u mhux Emanuel Vella & Sons, anzi jidher mill-assjem tal-provi illi kienet responsabbli din ta' l-ahhar.

L-attrici qeghda titlob kundanna ghall-hsarat u konsegwenzjali danni fuq imsemmija minhabba inadempjenza tal-obbligi taghhom u/jew negligenza tal-konvenuti. Mhux kontestat illi l-konvenuti Sullivans Ltd u Polskie Linie Oceaniczne tqabbdu minn Marsovin Ltd. Dottor Paul Debattista jghid illi Marsovin Ltd kienu ikkuntattjaw lill-konvenut Edward Sullivan *nomine* biex ifornihom bil-*containers* u biex jiehu hsieb l-esportazzjoni. Brian Sullivan jispjega li huma kienu agenti tal-vapur u illi

jissubkontrattaw ma' E. Vella & Sons Limited illi taghmel dan it-tip ta'xoghol.

Jidher illi Marsovin Ltd inkarigat lil Sullivans Ltd, u din ta' l-ahhar qabbdet lil Polskie Linie Oceaniczne sabiex tiehu hsieb it-tragitt, u lil Emanuel Vella & Sons sabiex tiehu hsieb il-karikazzjoni fuq il-vapur. Fil-mument illi fih sehh l-incident, is-socjeta' estera kienet diga' dahlet in xena. Biss biss jirrizulta illi l-*forklifter* li kien qieghed jerfa' l-*container* kien proprjeta' taghha.

In rigward allura ghall-eccezzjoni migjuba mis-socjeta' estera, u cioe' li hija mhijiex responsabbli ghall-allegati danni stante li m'ghandha x'taqsam xejn mal-karikazzjoni u li hija tista' tkun potenzjalment responsabbli minn mindu ssir l-operazzjoni tal-karikazzjoni 'l quddiem u mhux qabel, fl-umli opinjoni ta' l-esponenti dina l-eccezzjoni ma jisthoqqx illi tintlaqa'. Il-*forklifter* illi intuza, kif diga' ntqal, u kif ikkonferma Saviour Vella fix-xhieda tieghu, kien proprjeta' tas-socjeta' estera. Dana ma gie ikkontestat minn hadd. Is-socjeta' estera zgur ma tistax tghid illi minkejja li l-karikazzjoni kienet f'idejn Emanuel Vella & Sons, illi hija f'dak l-istadju kienet ghadha ma bdietx bl-adempiment, jew l-attentat adempiment, ta' l-obbligi kontrattwali taghha.

Fadal sabiex tigi ezaminata s-sitwazzjoni ta' Sullivans Ltd. Dina laqghet ghat-talbiet attrici billi eccepiet illi t-talbiet attrici kontriha ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati hsarat billi tqabbdu nies kompetenti sabiex jaghmlu l-operazzjioni tal-karikazzjoni mill-art ghal fuq il-vapur u ghalhekk ma hemm ebda culpa fuq l-esponenti *nomine*. Din is-socjeta' allura invokat dak li jipprovdi l Artikolu 1037 tal-Kodici Civili (Kap. 16), li jghid hekk:
"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjon tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi".

Qeghda in sostanza tghid illi hija ma ghandhiex *culpa in eligendo* ghal dak illi gara. Pero' tali sitwazzjoni kienet tkun investigabbli kieku *si trattava* ta' allegazzjoni dwar danni *ex delictu* u mhux ta' danni risultanti minn azzjoni li twieldet minn relazzjoni kontrattwali. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-*culpa in eligendo* hija mehtiega fil-kaz ta' responsabbilta` *ex delicto* u mhux fil-kaz fejn kien hemm relazzjoni minn qabel bejn il-partijiet. (**Michelina Spiteri et vs lt-Tabib Principali tal-Gvern et**, Prim'Awla, 19 ta'Gunju, 2003).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Bowman *nomine* vs Anthony Mizzi *et***, Prim'Awla, 20 ta' Marzu, 2003 inghad ukoll illi "Din is-socjeta' konvenuta invokat ukoll il-principju ta' "*culpa in eligendo*" biex tipprova tezonera ruhha mir-responsabbilita' ghan-nuqqas tad-*driver*. Dan il-principju, pero', japplika f'kaz ta' delitt jew kwazi delitt meta l-hsara tigri minn impjegat.

F'din il-kawza, ahna qeghdin fir-regim ta' kuntratt moghti lis-socjeta' J & A Trucking Limited Ii issubkuntrattat il-vjagg lil John Bugeja.

Ir-rapport hu, ghalhekk, wiehed ta' kuntratt u mhux ta' delitt jew kwazi delitt, u l-principju ta' "*culpa in eligendo*" mhux applikabbli ghal kaz.

Fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, fil-kaz in dizamina, u tenut kont ukoll ta' kif inhi redatta c-citazzjoni, din hija talba ghall-applikazzjoni *inter alia* ta' l-artikolu 1125 tal-Kap XVI, ossia dak illi jistipula li kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Dr. Jose Herrera nomine vs Gaetano Debatista *et***, 21 ta' April, 2004 Prim'Awla, tispjega li:
"Issa hu principju tal-ligi li l-kolpa ta' l-inadempiment hi prezunta. Dan a sensu ta' l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Kif enuncjat fis-sentenza a Vol. XXIX P I p 611, "l-Artikolu 831 ta' l-Ordinanza Vll ta' l-1868 (illum l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16) jistabbilixxi pincipju generali applikabbli ghal

kull xorta ta' obbligazzjonijiet u jaghti azzjoni ta' danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh".

Illi fl-opinjoni ta' l-esponenti l-konvenuta Sullivans Ltd ma rnexxilhiex tiddizbriga ruhha mill-prezunzjoni fil-konfront taghha ta' kolpa (ta' persuni imqabbdin minnha fl-adempiment ta' l-obbligi kontrattwali assunti) fil-konfront ta' Marsovin Ltd.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Josef Galea vs Combinati Transport Services Limited**, Appell Superjuri, 30 ta' Marzu, 2001, il-Qorti qalet illi:
"Filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li s-socjeta' konvenuta *proprio* kienet assumiet ir-responsabbilita' shiha li titrasporta l-merkanzija akkwistata mill-attur mill-Ingilterra ghal Malta, anke jekk dan ghamlitu tramite s-servizzi ta' socjeta' ohra estera li taghha kienet agent, daqstant iehor hu assodat illi r-relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta *proprio* kienet naxxenti mill-ftehim ta' garr ta' merkanzija. Dan ifsser illi kull dannu reklamat kellu necessarjament ikun konsegwenzjali ghall-agir tas-socjeta' konvenuta *proprio* fl-adempjament tal-obbligi taht dak il-kuntratt. Id-danni minhabba l-inadempjenza kontrattwali kellhom ikunu allura ristretti u relatati ma' dik l-inadempjenza u kellhom ikunu konsegwenzjali ghaliha."

Dan huwa dak illi fil-fatt ghamlet is-socjeta' attrici. Illimitat id-danni taghha ghal dawk li kienu rizultat ta' l-inadempjenza fil-ftehim ghall-garr bejn Marsovin Ltd u l-konvenuta Sullivans Ltd u l-imqabbdin minnha.

Is-socjeta' Sullivans Ltd, billi hija responsabbli lejn is-socjeta' Marsovin Ltd, ghandha responsabilita' lejn l-istess socjeta' dwar mhux biss dak illi taghmel hi stess fit-twettiq tal-inkarigu moghti, izda wkoll illi tirrispondi ghad-danni li jista' jikkawza kwalunkwe terz illi jkun gie subkontrattat u mqabbad mis-socjeta' imqabbda mill-principal, versu l-istess principal. Jisthoqq ghalhekk illi dina tinsab responsabbli ghad-danni ikkagunati. Id-danni huma rizultanti minn inadempjenza kontrattwali.

In rigward ghall-allegazzjoni ventilata iktar 'il quddiem fil-kawza minn Sullivans Ltd, u cioe' illi ma hemm l-ebda htija fuq in-naha taghha ghaliex dak li gara kien accident rizultat ta' *force majeure*, is-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance Company Limited vs Sullivan Maritime Limited et**, Prim'Awla, 12 ta' Mejju, 2004 tispjega illi kif inghad mill-gurisprudenza nostrali, il-forza maggura tiggustifika ksur ta' kuntratt, meta l-impossibilita`, ta' ezekuzzjoni tkun oggettiva u indipendenti mill-volonta' ta' l-kontraent (ara sentenzi riportati fil-Volumi XXXI.I.554, XXXI.III.168 u XXXVII.I.183).

Tkompli l-istess sentenza biex tghid illi:

F'sitwazzjoni bhal din, kif pacifikament akkolt f'numru ta' decizjonijiet, "il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni" (Vol. XXX P III p 142) u allura l-kuncett tal-forza magguri "*viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*" (Kollez. Vol XVIII P II p 164 u Vol. XXIV P I p 172)."

Minkejja kollox, f'din il-kawza, jirrizulta li la Sullivans Ltd u lanqas il-kumpanija estera ma jistghu jigu ezonerati minn ammont ta' htija. L-assjem tal-provi ma jurux konvincentement illi dak li gara kien accident pur u nieqes mill-kontribut ta' tort ta' xi hadd.

Fl-umli opinioni ta' l-esponenti allura t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu fl-intier taghhom u bl-ispejjez kontra l-konvenut Edward A. Sullivan ghan-nom u in rappresentanza ta' Sullivans Ltd" kif ukoll kontra l-istess socjeta' kif iccitata bhala agent u in rappresentanza tas-socjeta' estera Polskie Linie Oceaniczne, filwaqt illi s-socjeta' konvenuta Express Trailers Ltd ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju."

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Fatti tal-kaz:***

Jinghad li meta wiehed jezamina d-depozizzjonijiet moghtija jirrizulta li s-socjeta` Marsovin Ltd kienet inkarigat lil Sullivans Ltd biex tesporta *grape juice concentrate* f'*bags* issigillati fi *drums* u li dawn kienu jokkupaw zewg *containers*. Dan ix-xoghol kellu jsir billi l-*containers* jitqieghdu fuq il-vapur GHODZIE, mhux kif indikat fic-citazzjoni. Irrizulta li Sullivans Ltd li kienet l-agenta tal-vapur issubkuntrattaw lil E. Vella and Sons Limited ghat-tghabija tal-karigu. Irrizulta li E. Vella and Sons Limited jahdmu fuq xoghol ta' tghabija u hatt ta' *containers* u merkanzija u garr lokali, waqt li Express Traders Limited tiehu hsieb trasport ta' merkanzija minn Malta ghal barra u vici versa. Huwa veru li hemm xi diretturi komuni fiz-zewg kumpaniji. Irrizulta li d-dannu iggarrab minhabba incident u mhux rizultat ta' xi haga ezistenti precedentement. Emanuel Vella and Sons Limited kienu qed jiehdu hsieb il-*forklifter* li kien wiehed adattat bi frieket jaslu min-naha ghal ohra izda li xorta wahda l-*container* zelaq. Irrizulta li d-drums kienu iccaqalqu lejn il-lemin tal-*container* u gew mghaffga bil-kontenut jixxerred. Jidher li possibbilment il-*ports* tal-*forklifter* zelqu mill-istess *ports* waqt li l-container kien qed jitghabba. Jirrizulta li Marsovin Ltd kienet assikurata mas-socjeta` attrici Middle Sea Insurance Company Limited.

### ***D2. Responsabbilta` ta' Sullivans Ltd proprio:***

Is-socjeta` Sullivans Ltd *proprio* eccepiet li ma hijiex responsabbli billi tqabbdu nies kompetenti sabiex jaghmlu l-operazzjoni tal-karikazzjoni mill-art ghal fuq il-vapur u ghalhekk ma hemm l-ebda *culpa*. Is-socjeta` Sullivans Ltd ma ikkontestatx il-fatt li hija kienet inkarigata minn Marsovin Ltd dwar it-tghabija tal-merkanzija in kwistjoni ghalkemm ikkontestat ir-responsabbilta` ghall-hsarat.

Dak li sar hija relazzjoni li harget *ex contractu*, fejn Marsovin Ltd talbet lil Sullivans Ltd biex tfornihom b'*container* u tiehu hsieb l-esportazzjoni. Ghalhekk Sullivans Ltd kellha responsabbilta` kontrattwali ghall-operazzjoni tal-karikazzjoni tal-merkanzija.

Il-Perit Legali dahlet fuq l-implikazzjonijiet ta’ l-artikoli 1037 u 1125 tal-Kap 16 f’pagna 110 tal-process u pagna 15 tar-relazzjoni. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali fuq dan l-aspett. Huwa car li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda li irrizulta kuntrattwalment u mhux *ex delicto* u ghalhekk ma tapplikax id-difiza tal-*culpo in eligendo*. Ara **Spiteri vs Tabib Principali tal-Gvern**, Prim’Awla, 19 ta’ Gunju 2003; **Bowman *nomine* vs Mizzi**, Prim’Awla, 20 ta’ Marzu 2003 u **Cassar Pullicino Av. Dr. Louis *noe* vs Xuereb Angelo *pro et noe***, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003 fejn inghad:
"hija proprio l-ezistenza *o meno* tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat…

Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita' *contrattuale* l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll."

Kif jirrileva l-attur fin-nota tieghu:
“L-istess sentenza tikkwota wkoll lil Torrente, li jghallem li fl-ambitu tar-responsabbilta' "*extra contrattuale... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno".*”

Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 1125 tal-Kap 16 ma japplikawx l-artikoli kwotati mill-konvenut *nomine*.

Diversi drabi gie sottolinejat li r-responsabbilta` hija differenti meta tmergi *ex delicto*, kuntrattwali jew f’kaz tal-*culpa aquiliana*. Fil-kaz tal-kuntrattwali r-rikorrent irid jipprova l-obbligu mehud, li fil-kaz in ezami kien jirreferi

ghat-tghabija tal-merkanzija fuq il-vapur biex din titwassal fil-post esteru.

Fin-nota taghha a fol 69 tal-process is-socjeta` Sullivans Ltd sostniet li huma kienu qabbdu socjeta` li ghal dawn l-ahhar 18-il sena qatt ma kellhom l-icken incident maghha. Dan probabbli huwa veru, izda li legalment ma jwassal ghal xejn. Is-socjeta` Sullivans Ltd setghet talbet il-kjamata in kawza tas-socjeta` Emanuel Vella and Sons izda ghal xi raguni, probabbilment il-biza ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, m'ghamlitx tali talba.

***<u>D3. Reponsabbilita` tal-kumpanija estera Polskie Linie Oceanicze:</u>***

Is-socjeta` Sullivans Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Polskie Linie Oceanicze eccepiet li mhix responsabbli ghall-allegati danni stante li dina m'ghandha x'taqsam xejn mal-karikazzjoni. Izda, bhala stat ta' fatt, irrizulta li din is-socjeta` estera ippartecipat fil-karikazzjoni tal-merkanzija, tant li ntuza l-*forklifter* ta' l-istess kumpanija meta gara l-incident. Ghalhekk din l-eccezzjoni sejra tigi michuda.

***<u>D4. Responsabbilita` tal-kumpanija Express Trailers Ltd:</u>***

Mix-xhieda ta' l-ahwa Vella kif ukoll minn ta' Brian Sullivan irrizulta car li Sullivans Ltd kienet qabbdet lis-socjeta` E. Vella & Sons Limited u mhux lil Express Trailers Ltd. Infatti Emanuel Vella and Sons Limited tiehu hsieb ta' tghabija u hatt ta' *containers* u merkanzija u garr lokali filwaqt li Express Trailers hija responsabbli ghat-trasport ta' merkanzija minn Malta ghal barra u vici versa. Saviour Vella stess, wiehed mid-diretturi ta' Emanuel Vella and Sons Limited xehed li dakinhar ta' l-incident kienu qed jiehdu hsieb il-*container*. Ghalhekk Express Trailers Ltd ma kellha x'taqsam xejn mal-incident.

L-atturi sostnew li:

"…huma m'ghandhomx jigu ikkundannati jhallsu l-ispejjes gudizzjarji tal-kumpanija Express Trailers Ltd, u ghandha tkun Sullivans Ltd li tbati dawn l-ispejjez stante li kien minhabba informazzjoni erronea li nghatat mill-istess

kumpannija Sullivans Ltd li Express Trailers Ltd giet iccitata erroneament. Infatti Brian Sullivan xehed li huwa qabbad lil Express Trailers (fol. 115 u 116) u anki s-*survey report* diversi drabi jaghmel referenza ghal Express Trailers Ltd, u qatt ghal Emmanuel Vella & Sons Limited."

Ma kienux ghamlu t-talba ghall-korrezzjoni minhabba t-traskors tal-perjodu ta' preskrizzjoni.

***D5. Responsabbilta` ta' Marsovin Ltd:***

Il-konvenuti allegaw li d-danni setghu gew ikkagunati minhabba l-fatt li l-merkanzija ma kenitx stivata tajjeb. Dwar din l-allegazzjoni ma tressqet l-ebda prova, u anzi mis-*survey report* li sar *a tempo vergine* wara access li ghalih kienu prezenti, jew mistiednin, ir-rapprezentanti tal-partijiet kollha, irrizulta l-oppost. Anzi irrizulta li d-*drums* kienu stivati bir-reqqa, kemm lateralment kif ukoll trasversalment, u l-ispazji ta' bejn id-*drums* kienu mimlija b'*pellets* tal-injam. Fis-*survey report* a fol 161 insibu:
*"In our opinion the empty space left between the drums and the left hand side container wall originated after the accident had occurred thus resulting in the shifting and crushing of the drums.*

*We consider that the cargo was adequately stowed and well balanced"*.

Inoltre irrizulta li l-likwidu fid-*drums* kien maghluq go boroz tal-plastik u ghalhekk ma kienx hemm *free surface of liquid* li jrid ikun hemm sabiex jirrizulta *sloshing effect.*

***D6. Forza magguri:***

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-1 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet **Ronald u Isabelle konjugi Camilleri, Silvio u Rita konjugi Camilleri u Louis Camilleri vs Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Toroq, u Kunsill Lokali tan-Naxxar** (Cit. Nru 213/05FS) inghad:
"Inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Lamanna Matteo vs General Soft Drinks Company Limited** deciza fit-30 ta' Marzu 2004 minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri inghad li l-livell ta' prova rikjesta fil-kawzi

civili u li min ikun qed jallega li kien hemm forza magguri li kienet qieghda timpedih milli jesegwixxi obbligazzjoni jrid jaghmel il-prova hu stess ta' din il-forza magguri.

Huwa pacifikament ricevut illi “l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur” (Kollez. Vol.XXXI P I p 467). Mill-gurisprudenza, u, cioe`, illi:
“*quando invece, vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono la conseguenza della proprie azione ed omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*” (Kollez. Vol. XXIV P I p 172). [Ara wkoll decizjonijiet f’dan l-istess sens riportati a Vol. XVIII P II p 164; Vol. XXX P II p 142 u Vol. XXXVII P II p 637, **Alfred Delia -vs- Segretarju Permanenti u d-Direttur tat-Toroq et**”, deciza fid-19 ta’ Mejju 2004 mill-Qorti ta’ l-Appell Civili Inferjuri, u **George Bonnici vs Phoenicia Hotel Ciompany Limited**, deciza mill-Onor. Imhallef Dr. Philip Sciberras (Qorti ta’ l-Appell Civili Inferjuri) fit-12 ta’ Jannar 2005].

L-artikolu 1029 tal-Kap 16 jghid :
“Kull hsara li tigri b’accident jew b’forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.”

Il-Qorti pero` thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza tal-kawza **Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri (S.T. V. DeGaetano, Imhallef Magri, Imhallef T. Mallia) fit-3 ta’ Ottubru 2008 inghad li :
“Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna “ ‘il-forza magguri’ hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri ‘kaz fortuwitu’ huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta’ ordinarja diligenza” (**Delia v. Segretarju Permanent et**, Appell (Inferjuri)19/05/2004 u **Borg Falzon v. Darmanin**, Appell Kumm. 7/06/1940), kif ukoll “*il caso fortuito o la forza maggiore e’ l’evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno*

*non evitabile*" (**Azzopardi v. Arcicovich et**, Appell Civili, 14/11/1919, Vol. XXIV, PI, p.172). Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'*bonus pater familias*' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'colpa (**Kurunell Hugh v. Negte Busuttil**, Appell Kummercjali, 16/11/1942). Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu (App. Inf. **Falzon vs Formosa** 4/12/1991)."...

Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali... (ara **Micallef vs Belle McChance** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1953 [XXXVII-I-636], u **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** deciza fit-28 ta' Frar 2001, Appell Superjuri).''

Inoltre l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenzi ikkwotati mill-abbli espert legali meta ikkwotat is-sentenzi li gejjin:
**"Middle Sea Insurance Company Limited vs Sullivan Maritime Limited et**, Prim'Awla, 12 ta' Mejju, 2004 tispjega illi kif inghad mill-gurisprudenza nostrali, il-forza maggura tiggustifika ksur ta' kuntratt, meta l-impossibilita`, ta' ezekuzzjoni tkun oggettiva u indipendenti mill-volonta' ta' l-kontraent (ara sentenzi riportati fil-Volumi XXXI.I.554, XXXI.III.168 u XXXVII.I.183).

Tkompli l-istess sentenza biex tghid illi:

F'sitwazzjoni bhal din, kif pacifikament akkolt f'numru ta' decizjonijiet, "il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni" (Vol. XXX P III p 142) u allura l-kuncett tal-forza magguri "*viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*" (Kollez. Vol XVIII P II p 164 u Vol. XXIV P I p 172)."

Illi ghalhekk dwar l-allegazzjoni minn Sullivans Ltd li ma hemmx ebda htija min-naha taghha ghax dak li gara kien accident rizultat ta' *force majeur* ma tistax tigi milqugha. Kif qalet il-Perit Legali, l-assjem tal-provi ma jurux konvinciment li dak li gara kien accident pur u nieqes mill-kontribut ta' tort ta' xi hadd.

***D7. Quantum ta' danni:***

Il-*quantum* tad-danni mitlub mis-socjeta` attrici mkien ma gie kontestat. Is-socjeta` attrici sostniet li d-danni jammontaw ghal Lm2,011.60 kif ukoll Lm95 spejjez tas-*survey*, ammontanti fit-total ghal Lm2,106.60. Anke s-*survey report* jelenka l-fatturi kostitwenti tad-danni fil-valur ta' Lm2,011.60 u jikkonferma l-ispejjez ammontanti ghal Lm95. Mis-*survey report* a fol 159 jidhru elenkati dettaljatament l-ammonti kollha involuti u a fol 161 hemm dikjarazzjoni tas-*surveyor* li kollox huwa korrett. A tenur ta' l-artikolu 1135 tal-Kodici Civili, id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma ghat-telf li jkun bata u ghall-qligh li jkun gie mtellef. Il-kumpanija attrici qed titlob l-ammont ta' Lm2106.60. Irrizulta wkoll li Marsovin Ltd ghamlu minn kollox biex jimminimizzaw id-danni. L-ammont ta' Lm2,106.60 huwa ekwivalenti ghal €4907.06.

***D8. Imghax:***

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et** (Cit. Nru. 448/87FS), deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 inghad:

"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech *ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi: "..............*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*.............."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli *noe*** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali *noe*** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:
"*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*".

**Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt *noe*** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:
" .............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

**Maria Ellul Bonnici *et* vs Felice Mercieca *et noe*** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:
"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991):
"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li

jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:
"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.
***Omissis***
B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja <u>l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu.</u> Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann**

**Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:
"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 Schembri vs Dr L Buhagiar 28/2/1997.

Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet ta' Sullivans Ltd *proprio et nomine* li tqabbdu nies kompetenti u dan ghar-ragunijiet imsemmija taht "D2" u "D6" hawn fuq.

Tichad it-tieni eccezzjoni ta' Sullivans Ltd ghar-raguni msemmija taht "D3".

Tilqa' l-eccezzjoni ta' Express Trailers Ltd ghar-ragunijiet imsemmija taht "D4".

Issib l-ilment gustifikat u l-istess talba kif specifikat taht "D5" u li l-*quantum* tad-danni kif imsemmi taht "D7". Dwar it-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabbilta`, tiddikjara responsabbli lid-ditta Sullivans Ltd kemm f'isimha propju kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` estera Polskie Linie Oceaniczne.

Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' Lm2,106.60 li huwa ekwivalenti ghal €4907.06.

Tikkundanna lis-socjeta` Sullivans Ltd fil-kwalita` taghha hawn fuq imsemmija thallas l-ammont ta' €4907.06.

Dwar l-imghaxijiet tirreferi ghal "D8" hawn fuq u ghalhekk tichadhom ghax ma kienux likwidati qabel illum.

Spejjez kollha kontra Sullivans Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------